# L-Għaqda Mużikali Imperial – Għaqda Kulturalment Ħajja

*Onorevoli Clayton Bartolo*
*Membru Parlamentari*

Għaqda mużikali ħajja tkun għaddejja bil-ħidma tagħha matul is-sena kollha u mhux biss fil-ġimgħa tal-festa. Il-ħidma tvarja minn tagħlim tal-istudenti tal-mużika, għal laqgħat proċedurali u anke l-ippjanar u l-eżekuzzjoni ta' attivitajiet mużikali. U l-Għaqda Mużikali Imperial mhix eċċezzjoni, hekk kif wieħed jara din l-Għaqda ħajja għaddejja b'diversi attivitajiet matul is-sena kollha. Saħansitra attivitajiet li jmorru lil hinn mill-isfera kulturali normali li nassoċċjaw għaqda mużikali magħha, u ta' dan wieħed għandu jifraħ lill-Għaqda għax qed tagħraf tkabbar l-għarfien kulturali fid-diversi forom tagħha.

Matul dawn is-snin li għaddew, kemm domt inservi fil-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, dejjem żammejt kuntatt mill-qrib mal-Kumitat tal-Għaqda. Kuntatt li sarraf sabiex din l-Għaqda kienet waħda mill-protagonisti ewlenin fil-qasam kulturali matul is-snin li għaddew. Qasam kulturali li kull ma jmur dejjem jiffjorixxi, u l-Għaqda Mużikali Imperial għarfet taħdem b'mod u manjiera sabiex tkabbar il-preżenza tagħha fil-lokalità u fl-istess waqt tieħu sehem f'diversi attivitajiet kulturali saħansitra fuq livell nazzjonali.

Wara l-elezzjoni ġenerali ta' Ġunju 2017, il-poplu tat-tnax-il distrett għoġbu jeleġġini sabiex nirrappreżentah fl-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż – il-Parlament. Dan ifisser li waqt li matul is-snin li għaddew il-ħidma tiegħi kienet iffukata fuq il-Mellieħa biss, minn issa 'l quddiem ħarsti tmur fuq id-distrett kollu. Madankollu, kif jistgħu jixhdu anke diversi membri tal-Għaqda stess, l-Għaqda Mużikali Imperial flimkien ma' diversi għaqdiet oħra Melleħin għandhom post speċjali għalija. Is-snin kollha ta' ħidma flimkien ma jintesew qatt, u dan ifisser li l-Għaqdiet kollha Melleħin se jkomplu jsibu l-appoġġ tiegħi sabiex ikomplu jaħdmu u jimxu 'l quddiem.

Filwaqt li nirringrazzja lill-President u l-Kumitat, is-surmast u l-bandisti u l-membri tal-Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial għax-xogħol u l-appoġġ tagħhom b'risq il-Mellieħa matul is-snin li għaddew, nawgura li dawn kollha jkomplu għaddejjin bix-xogħol ħabrieki tagħhom. Tajjeb hawnhekk nirringrazzja wkoll lill-familjari ta' dawn kollha għall-paċenzja tagħhom, ħafna drabi fis-skiet ta' djarhom, waqt li dawn in-nies ikunu qegħdin iwettqu ħidma mprezzabbli b'risq l-għaqda li tant iħobbu. Huwa grazzi għal dawn in-nies li l-għaqda kapaċi tkompli tavvanza 'l quddiem u tkompli tistabilixxi ruħha bħala forza fil-qasam kulturali.

Nieħu din l-okkażjoni wkoll sabiex nawgura l-Festa t-Tajba lill-Melleħin kollha!

Viva Marija Bambina!

MAYPOLE
since 1900
*Nothing says homemade like Maypole*
Main Street, MELLIEĦA
tel: 22 581 5471 | mob: 79 595 195 | www.maypole.com.mt